FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINIALI
A.MICALLEF TRIGONA LLD.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 05 TA' APRIL 2017

Il-Pulizija
(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Christopher Scerri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-ilputat ta' karta ta' identita' numrui 77081m akkuzat talli f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer bejn is-26 t'Awissu 2015 u d-29 ta' Awissu 2015, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzjoni wahda u cioe'

1. talli gewwa residenza 87, Triq is-Sienja Kalkara , nhar is-26 t'Awissu 2015 ghal habta tal-15.40 ta' wara nofsinar ikkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom jeccedi il-mitejn u disgha u tletin ewro imma ma jeccedix l-elfejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu ghad-detriment ta' Stefania Cassar u Dolores Cassar, liema serq ikkwalifikat bil-valur u bil-lok;
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi laqa' ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew imexxihom;
3. talli gewwa Triq San Lawrenz l-Isla nhar id-29 t'Awissu 2015 ghal habta ta' 12.20pm b'atti esterni ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt u cioe' serq aggravat minn go l-imsemmija residenza ta' diversi oggetti, liema reat ma sehhx minhabba xi haga involontarja u indipendenti mill-volonta' tieghu u li sar ghad-detriment ta' Martin Mejlak;
4. rrendu ruhu recediv ruhu recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistawx jinbiddlu;

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Stefania Cassar, Dolores Cassar u Martin Mejlak kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

L-imputat jinsab akkuzat ta' serqa u attentat ta' serqa; ta' l-ewwel minn gewwa residenza numru 87 Triq is-Sienja, Kalkara, u t-tieni minn residenza numru 14, Triq San Lawrenz, wkoll il-Kalkara. Bhala alternattiva fl-ewwel, l-imputat, hu akkuzat b'ricettazzjoni qua reat alternattiv ghas-serq.

Vis-à-vis is-serqa mir-residenza numru 87, mill-provi in atti, jirrisulta li f'din ir-residenza jabitaw omm jisimha Dolores Cassar u bitha Stephania. Hi x-xhieda ta' din ta' l-ahhar (folio 29) li torbot lill-imputat mas-serqa. Dana taghmlu principalment minhabba arlogg tal-idejn, li kien fost ir-refurtiva, u li l-imputat kien libes fil-waqt tal-arrest tieghu.

Dwar is-serqa in disamina il-provi juru li hi aggravata bil-valur, izda taht €2330, u bil-lok stante li minn residenza.

Fil-konfront tal-attentat ta' serqa li tinvolvi l-fond 14, Triq San Lawrenz, Kalkara, x-xhieda li jippruvawha huma tad-derubat (folio 39) u Pc1352 (folio48).

Fil-kors tas-sottomissjonijiet tieghu, l-abbli Avukat difensur dwar s-serqa mid-dar stqarr li la l'omm u lanqas it-tifla ma iddetifikaw l-imputat. Fil-waqt li dan hu minnu, l-Qorti tafferma, li l-identifikazzjoni ghamlu l-arlogg li l-imputat kien libes fil-hin li gie arrestat u li tieghu naqas li jghati spiegazzjoni ta' kif gie ghandu daqshekk recenti ghas-serqa.

Illi dak li ma jinsabx pruvat hi r-recidiva fl-imputat.

Ghaldqastant, fil-waqt li ssib l-imputat hati tal-ewwel u t-tielet akkuza, izda tilliberah mit-tieni u r-raba, wara li rat l-Artikolu 261(c)(e), 267, 269, 279(b), 280, 41, 17 tal-Kap 9, tikkundannah tlett snin prigunerija.

A.M.Trigona
Magistrat